**Sacred Heart College**

**Junior School**

**Annual Sample Paper**

Ir-raba' sena | **Malti** | Duration: (part of 1hr 40mins)

**(Taħriġ il-Fehem)**

## Karozza f'Nofs ta' Baħar

**Aqra din is-silta darbtejn u wieġeb il-mistoqsijiet fuq il-karta l-oħra.**

L-aħwa, Amanda u Nikolai, kienu jħobbu l-baħar u xtaqu li xi darba missierhom jixtrilhom dgħajsa. Missierhom għall-kuntrarju ma kienx iħobbu l-baħar anzi qatt ma tħajjar jgħum. L-anqas fl-eqqel tas-sajf.

Amanda u Nikolai kienu jmorru jgħumu m'ommhom jew maz-zija Nicolette.

"Kemm nixtieq għandna dgħajsa. Imqar waħda kemm tesa' lilna t-tnejn biss," qal Nikolai.

"Ibqa' oħlom Nikolai. Id-dgħajsa ixtriha inti meta tikber u tibda taħdem," weġbitu oħtu.

Il-Ħadd fil-għodu, wara l-quddiesa, missierhom ħadhom dawra madwar ix-xatt u xtralhom ġelat kull wieħed. Missierhom iltaqa' ma' ħabibu u qagħad ipaċpaċ. It-tfal qagħdu jistennewh fil-karozza. Il-kliem reġa waqa' fuq id-dgħajsa tal-ħolm tagħhom. F'daqqa waħda l-karozza qaltilhom:

"AGĦFSU L-BUTTUNA L-ĦAMRA."



Nikolai ma ħasibhiex darbtejn u għafas il-buttuna l-ħamra. Il-karozza bdiet sejra lejn il-baħar weħedha. Amanda u Nikolai twerwru. Kif missierhom ra l-karozza tiegħu miexja lejn il-baħar, nesa lil ħabibu u telaq jiġri wara l-karozza.

Kif il-karozza waslet ħdejn il-baħar, qabdet nieżla qisha mhix hi. Missierhom waqaf iċċassat iħares lejhom. Kif Amanda u Nikolai rrealizzaw li ma kienx hemm periklu, ferħu għax qatgħu xewqithom.

Nikolai saq għal nofs il-baħar, imbagħad beda jsuq viċin l-art biex jara aħjar. L-affarijiet u l-postijiet jidhru differenti meta tarahom min-naħa tal-baħar. Wara sagħtejn, Nikolai saq lura u sab lil missieru jistenniehom. Kien inkwetat għax ma setax jifhem x'ġara.

Minn dakinhar 'il quddiem il-karozza kienet spiss tintuża' bħala dgħajsa. Missierhom għamel il-kuraġġ u beda jmur magħhom. Ommhom u z-zija Nicolette ma kinux jonqsu. It-tfal kienu jibżgħu għall-karozza għax bis-saħħa tagħha qatgħu xewqithom.

Minn Nathalie Portelli